QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI
(SEDE SUPERJURI)

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa 22 ta' Jannar 2025**

**Att ta' l-Akkuża numru: 16/2017**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**vs**

**Keith Cremona**

**Il-Qorti** :

**1.** Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fit-13 ta' Novembru 2017 kontra Keith Cremona li bis-sahha tieghu l-istess Avukat Generali akkuża lill-imsemi Keith Cremona:

**Fl-Ewwel Kap** talli nhar l-Għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30hrs), flimkien ma' żewġ

persuni mhux magħrufa, ikkommetta serq mill-fond Nru. 40, 'Bernardette', Triq ta' Giorni, San Ġiljan, Malta, b'dana illi dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (il-għaliex sar flimkien ma' offiża gravi fuq Bennie (Benedetta) Meilaq - persuna ta' aktar minn sittin (60) sena, kif ukoll il-għaliex sar flimkien ma' sekwestru tal-persuna, kif ukoll il-għaliex il-ħalliel ippreżenta ruħu armat, kif ukoll il-għaliex il-ħallelin ippreżentaw irwieħom iżjed minn tnejn), bil-lok (il-għaliex sar f'dar ta' abitazzjoni), u bil-valur (il-għaliex il-flus misruqa kienu aktar minn mitt Lira Maltin ta' dak iż-żmien).

**Fit-Tieni Kap**, talli nhar l-Għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30hrs), flimkien ma' żewġ persuni mhux magħrufa, ġewwa l-fond Nru. 40, 'Bernardette', Triq ta' Giorni, San Ġiljan, Malta, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm, jew issekwestra persuna [Bennie (Benedetta) Meilaq] kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi l-persuna arrestata, miżmuma, jew issekwestrata ġiet offiża fuq il-persuna.

**Fit-Tielet Kap**, talli nhar l-Għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30hrs), ġewwa l-fond Nru. 40, 'Bernardette', Triq ta' Giorni, San Ġiljan, Malta, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara gravi fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra [Bennie (Benedetta) Meilaq], persuna li għalqet l-eta' ta' sittin (60) sena, b'dana illi din l-offiża gravi kkaġunat debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem u ġabet sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ

**2**. Rat s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-30 ta' April 2024 fejn wara li rat l-Artikoli 17, 20, 23, 31, 37, 86, 87(1)(c), 88, 214, 215, 216(1)(a)(2), 222A(1), 261(a)(c)(e), 262(1)(a)(b)(2), 267, 269(g), 274(a)(b), 275, 276A, 277(a), 279(a), 280(2), 532A u 533 tal-Kodici Kriminali sabet lill-akkużat Keith Cremona hati tal-Ewwel u t-Tieni Kapi tal-Att t'Akkuża bl-aggravji kif mogħtija mill-Avukat Ġenerali, filwaqt li qed sabet lill-akkużat mhux ħati tar-reat t'offiża ta' natura gravissima skond l-Artikolu 218(1)(a) u (b) iżda ħati tar-reat ta' natura gravi kompriż skond l-Artikolu 216(1)(a)(ii) tal-Kodiċi Kriminali u kkundannatu seba' snin u nofs prigunerija. In oltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lill-akkużat iħallas l-ispejjeż involuti fil-ħatra tas-segwenti esperti, u ċioe' s-somma ta' Lm50.74 li kienu ġew imħallsa lill-Perit Richard Aquilina, s-somma ta' Lm80.75 li kienu ġew imħallsa

lil Dr Mario Scerri, s-somma ta' Lm66.50 li kienu ġew imħallsa lil PS 644 u PS 186, s-somma ta' Lm37.70 li kienu ġew imhallsa lil Robert Cardona, s-somma ta' €706.28 li kienu ġew imħallsa lil Joseph Mallia. B'hekk b'kollox l-akkużat kien ikkundannat ihallas is-somma ta' Lm 235.69, ekwivalenti ghal €549.01 li flimkien ma €706.28 jammontaw għat-total ta' €1,255.29 lil Gvern ta' Malta, u dan fi żmien sitt xhur.

**3**. Rat ir-rikors ta'l-appell ippreżentat mill-akkużat Keith Cremona fit-22 ta' Mejju 2024 li bih u għar-raġunijiet hemmhekk indikati talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata, b'dan illi tieħu in konsiderazzjoni l-ewwel żewġ aggravji u konsegwentement tvarjaha u tibdilha, skond il-każ fejn l-appellant instab ħati. Illi fl-eventwalita' illi dawn iż-żewġ aggravji jiġu miċħuda, l-appellant talab lil din il-Qorti tvarja il-piena u minflok tinfliġġi piena aktar ekwa, ġusta u miti fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ.

**4**. Rat ir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali ippreżentata fil-25 ta' Ottubru 2024 fejn talab illi l-appell għandu jkun miċħud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier tagħha.

**5**. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**6**. Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**7.** Illi għalkemm l-appellant jibda biex jindirizza l-aggravji minnu imqanqla bl-ilment illi l-inkjesta dwar l-*in genere* mertu tal-każ tħalli dubbju serju kif tmexxew il-proċeduri, madanakollu imbagħad ma jamplifikax dwar dak minnu lamentat sabiex din il-Qorti issa hija sajma mill-mottiv li wassal lill-appellant jivventila din il-kritika. Biss, fl-aħħar tal-ewwel aggravju, jerġa' jagħmel affermazzjoni oħra illi l-Inkjesta Maġisterjali kienet waħda fallaċi, fejn saħansitra l-Uffiċjali Prosekuturi involuti fiha, ossia l-Ispettur Martin Sammut u l-Ispettur Mario Tonna, qatt ma nġiebu biex jixhdu,

u ukoll illi s-sular ta' fuq tal-post fejn seħħ l-allegat reat qatt ma ġie spezzjonat u investigat mill-uffiċjali tax-xena tar-reat. Illi l-Qorti Kriminali ndirizzat dawn in-nuqqasijiet u ġustament waslet għal konklużjoni illi dak li kellu jiġi minnha mistħarreġ huwa jekk il-provi miġjuba waqt il-ġuri kenux biżżejjed sabiex tkun stabbilita ir-reita' fl-appellant, u dan lil hinn minn kull dubbju, u mhux jekk kienx hemm xi nuqqasijiet fl-investigazzjonijiet. Inoltre l-Qorti ma tistax tindirizza dawn l-affermazzjoniet indikati f' dan l-ewwel aggravju u dan meta l-appellant jonqos milli jorbot din il-kritika ma' dak minnu lamentat f'dan l-aggravju marbut unikament mal-*quantum* tal-flus misruqa, u allura mal-aggravanti tal-valur għall-akkuża lilu addebitata dwar ir-reat tas-serq.

**8**. Illi dwar dan l-ilment l-appellant, f'dan l-ewwel aggravju, isostni illi matul il-proċeduri qatt ma ġie ppruvat u stabbilit l-valur misruq mill-malviventi waqt il-*hold-up* li sar fuq l-anzjana Bernardette Meilaq, stante li l-vittma tagħti verżjonijiet differenti dwar l-ammont ta' flus li effettivament insteraq. Jindika illi fir-rapport tal-PIRS mħejji mill-investigaturi dakinhar tas-serqa, hemm indikat illi ma kien insteraq xejn, filwaqt li aktar tard l-vittma, meta mitkellma mill-investigaturi, stqarret illi kienu nsterqulha mitejn lira Maltin (Lm200), u mbagħad snin wara tixhed li kienu nsterqulha mitejn u ħamsin lira Maltin (Lm250) li kienu minnha miżmuma f'portmoni ta' kulur oranġjo. Illi fil-fehma ta'l-appellant, tali diskrepanza qatt ma setgħet twassal għal ġudizzju ta' ħtija skont il-liġi, u konsegwentement il-Qorti Kriminali qatt ma setgħet tasal għall-konklużjoni li l-ammont derubat kien in eċċess ta' mitejn, tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), u li għalhekk is-serq kien akkompanjat ukoll bl-aggravanti tal-valur fit-termini ta'l-artikolu 267 tal-Kodiċi Kriminali.

**9**. Illi fil-proċess kemm kumpilatorji u kif ukoll dak imressqa quddiem il-Qorti Kriminali waqt il-ġuri, jemerġu tlett verżjonijiet mogħtija mill-vittma Bernardette Meilaq, bl-ewwel verżjoni tkun dik mogħtija lill-uffiċjal investigattiv PS 90 Jeffrey Gerada, imbagħad lill-Espert maħtur fl-Inkjesta Maġisterjali Dr Mario Scerri, u finalment il-vittma tagħti l-aħħar verżjoni tagħha dwar il-fatti li seħħew fix-xiehda tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati waqt il-kumpilazzjoni. Sfortunatament l-

anzjana Bernardette Meilaq ma iddeponietx waqt il-ġuri stante li mietet fil-mori tal-proċeduri.

**10.** Illi waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri PS 90 Jeffrey Gerada xehed dwar dak li kienet qaltlu l-vittma derubata *a tempo vergine*, meta huwa kien aċċeda fir-residenza tagħha fil-jum meta seħħ il-*hold up*, ossia nhar l-20 ta' Lulju 2005. Dak in-nhar kienet spjegatlu li ftit tal-ħin qabel, għall-ħabta tad-09:30 ta' fil-għodu xi ħadd kien ħabtilha mal-bieb u meta marret biex tara min kien hemm, ħadd ma rrisponda. Madanakollu tirrakontalu li hija xorta fetħet il-bieb ta' barra fejn f'dak il-mument kienu mbuttawha 'il ġewwa tlett persuni maskili u talbuha l-flus. Hi qaltilhom li flus ma kellhiex u qaltilhom li kellha xi deheb. Hawnhekk il-malviventi saru aggressivi u qalulha li huma flus riedu u bdew isawwtuha, kaxkruha mal-art u daħluha sal-kċina fejn hemmhekk għollewlha l-flokk li kienet liebsa sabiex igħattulha rasha. F'dan il-ħin Meilaq infurmat lill-malviventi illi kellha il-flus fil-portmoni u li minnu huma ħadulha mitejn lira Maltin. Illi l-vittma kienet mitkellma għat-tieni darba mill-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri li nhar l-20 ta' Lulju 2005 aċċeda fit-taqsima tal-Emerġenza ġewwa l-Isptar San Luqa fejn hija stqarret hekk ma' dan l-espert:

> **"Dal-ghodu jien kont fil-kcina nsajjar u cempel il-bieb ta' barra. Dawwart xugaman ma' sidri u mort niftah. Kien hemm tlett irgiel b'wicchom mikxuf u dawn minnufih imbuttawli l-bieb gewwa u dahlu fl-intrata. Dawn qaluli li riedu l-flus u ordnawli nimtedd mal-art. Qabdu x-xugaman li kien imdawwar ma' sidri u ghattewli wicci bih.**
>
> **Wiehed minn dawn l-irgiel kellu speci ta' kanna f'idejh u meta għattewli wicci qabduni minn saqajja u idejja u weggawni.**
>
> **Ghidtilhom li ma kelliex flus w offrejtilhom jiehdu d-deheb izda sabuli portmoni orange li fih kellu Lm200.00 u haduh.**
>
> **F'dan il-portmoni jiena inzomm il-flus li jkolli bzonn fih – speci ta' safe. Qlajt daqqa ta' telefon fuq rasi u harbu 'l barra.**
>
> **...**

**Meta ghidtilhom jiehdu d-deheb dan qalli li flus ried u mhux deheb ghax ghandu zewgt itfal zghar.**[1]

**11**. Illi waqt il-kumpilazzjoni, ċioe' seba' snin wara li sfat misruqa, il-vittma derubata xehdet is-segwenti:

**Spettur Michael Mallia: Issa, inti dakinhar insteraqlek xi haga?**

**Benedetta Meilak: Imbaghad qalli, "irridu l-flus" u tghajtu l-portmoney, kelli two hundred fifty Maltin (Lm250).**

**Spettur Michael Mallia: Two hundred fifty, xhinuma Maltin?**

**Benedetta Meilak: Maltese pounds.**

**Spettur Michael Mallia: U tghajthom dak igifieri?**

**Benedetta Meilak: Dak il-portmoney.**[2]**"**

Illi l-vittma ma xehditx waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u dan peress li, kif ingħad, ġiet nieqsa fil-mori tal-proċeduri.

**12**. Illi l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu jsostni li fl-okkorrenza tal-Pulizija, li ġiet redatta dakinhar stess li fih seħħ l-allegat reat, hemm imniżżel illi xejn ma kien insteraq f'dan il-*hold up*. Illi fuq dan il-punt jiġi rilevat illi l-okkorrenza tal-Pulizija mħejjija minn PS69 Jesmond Cremona tikkonsisti f'rapport ġeneriku dwar is-serqa. Fl-imsemmija okkorrenza, senjatament a fol. 55 tal-atti kumpilatorji, hemm miktub, "*The house was ransacked by the culprits but nothing missing or stolen items were reported*." Minkejja dan, meta wieħed jixtarr il-kontenut tal-imsemmija okkorrenza minn imkien ma jirriżulta illi kienet il-vittma derubata li għaddiet din l-informazzjoni lill-Pulizija. L-istess okkorrenza ma tindikax lanqas illi l-vittma ġiet mitkellma u li għaddiet il-verżjoni tagħha lill-pulizija li ħejja din l-okkorrenza, u ċioe' lil PS69 Jesmond Cremona. Fil-fatt, waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, Ex-PS69 Jesmond Cremona, in eżami, xehed kif huwa qatt ma kellem lill-vittma peress li meta mar fuq ix-xena tad-delitt il-

[1] Fol. 35 u 36 tal-Proċess Verbal.
[2] Fol. 71 u 72 tal-atti tal-kumpilazzjoni

vittma kienet diġa' ttieħdet l-isptar bl-ambulanza. Kif ukoll meta ġie mistoqsi in kontro-eżami xehed is-segwenti:

**Dif : Issa, allura staqsietek il-Qorti, jekk inti ma' Mrs Meilak, qattx tkellimt.**

**Xhud : Mrs Meilak?**

**Dif : Id-derubata.**

**Xhud : Il-vittma jiġifieri.**

**Dif : Il-vittma.**

**Xhud : <u>Le ma kellimthiex jiena</u>.**

**Dif : Fil-parti allura tal-PIRS, għandek dak li hija qalet. Ta' x'ġarrbet. Qed nirreferi għal Foglio 54.**

**Qorti : Naf. Fir-rapport għedt hekk. Qalet li flus ma kellhiex imma kellha xi deheb. Qalet li ġiet aggredita b'telephone. L-affarijiet kollha li.**

**Xhud : Ma niftakarx niftakar jekk jiena kellimthiex jew le. Għadda ż-żmien. M'inix niftakar eżatt.**

**...**

**Dif: Tajjeb. Ejja ġentilment immorru għas-sentenza li jmiss. From investigations carried out, it was established that at the time, she was alone in the house, and someone unknown knocked on the main door. She looked to see. Eċċetra eċċetra, tista' tkompli taqraha kollha kemm hi biex ma nistordix lill-Qorti, u tibqa' għaddejja sal-page ta' wara. Din il-parti, dik, inti li qed tiktibha fil-PIRS, sirt tafha kif? Min qalhielek? Il-vittma, ħaddieħor fil-korp, xi ġarr? Min? Għax din sirt tafha.**

**Xhud : Sirt nafha. Għax jiena meta kont fuq il-post peress illi ma tlajtx imkien. Dħalt hemmhekk u kien hemm l-entratura u l-kċina. U stajt nara eżatt eżatt x'ġara, <u>pero jien lilha ma kellimthiex</u>. Ma qaltix illi dan ġara hekk, hekk u hekk, pass pass. Pero stajt nara li hi, id-dinamika tal-post[3]. (Sottolinear u enfasi tal-Qorti)**

**13.** Illi għalhekk fid-dawl ta' dak mistqarr mix-xhud Ex-PS69 Jesmond Cremona li, *a tempo vergine,* kien ħejja l-okkorenza fejn huwa niżżel il-kliem "*The house was*

[3] Fol. 18 sa 20 tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda mogħtija waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

*ransacked by the culprits but nothing missing or stolen items were reported*." bl-ebda mod ma tista' tiġi interpretata li hija l-verżjoni mogħtija mill-vittma derubata.

**14.** Illi fiż-żmien il-kummissjoni tar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri, l-artikolu 267 tal-Kodiċi Kriminali kien jistipula li r-reat tas-serq ikun ikkwalifikat bil-valur meta l-ħaġa misruqa tiswa aktar minn mitt lira Maltin (LM100). Permezz tal-emendi introdotti fil-Kodiċi Kriminali bl-Avviż Legali 207 tal-2007 saret il-konverżjoni mil-lira Maltija għall-Ewro fejn għalhekk fit-termini tal-artikolu 267 tal-Kodiċi Kriminali s-serq llum huwa kkwalifikat bil-valur meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94). Għalhekk il-kwalifika tal-valur fi żmien il-kummissjoni tar-reat u llum il-ġurnata baqgħet l-istess.

**15**. Illi, mbagħad, l-artikolu 279 tal-Kodiċi Kriminali jistabbilixxi l-piena għal meta s-serq ikun ikkwalifikat bil-valur. Illi jekk l-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa tletin ċenteżmu (€2,329.37) tiġi applikata l-piena hekk kif kontemplata fl-artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li jekk il-valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) tiġi applikata l-piena kontemplata fl-artikolu 279(b) tal-Kodiċi Kriminali. Illi għalkemm il-vittma derubata *a tempo vergine* semmiet is-somma ta' LM200 bħala s-somma li lilha ġiet misruqa u għalkemm seba' snin wara, waqt il-kumpilazzjoni, semmiet is-somma ta' LM250, dawn iż-żewġ ċifri jaqgħu taħt l-ammont ikkontemplat fl-artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk ma hemm ebda differenza fil-kalibrazzjoni tal-piena sabiex b'hekk l-ilment imqanqal mill-appellant ifalli. Illi għalhekk il-Qorti Kriminali kienet korretta meta waslet għall-konklużjoni li l-ammont derubat kien in eċċess tas-somma ta' mitejn, tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u inqas minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa tletin ċenteżmu (€2,329.37), u għaddiet biex tiprefiġġi piena fil-parametri imfassla fl-artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, liema disposizzjoni tal-liġi hija indikata fil-parti deċiżorja. Illi għalhekk għal dawn il-motivi dan l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

**16.** Illi permezz tat-tieni aggravju l-appellant isostni li mix-xhieda ta' Dr Mario Scerri, Dr Jonathan Joslin, Mr Alexander Attard u Mr Frederick Zammit Maempel jirriżulta li hemm diskrepanza kbira dwar jekk il-ferita fid-driegħ allegatament subita mill-vittma hijiex waħda ta' natura gravi jew ta' natura ħafifa. Huwa jkompli jsostni li filwaqt li Mr Alexander Attard jgħid li ma jiftakar xejn fuq il-każ, Mr Frederick Zammit Maempel xehed illi l-ferita fid-driegħ tal-vittma kienet ġiet ikkurata dak il-ħin stess mill-*casualty officer* li qatt ma ttellgħet tixhed, u li Dr Jonathan Joslin jikkorrobora dan kollu. Kien biss fl-opinjoni tal-espert mediko-legali, Dr. Mario Scerri, illi tali ferita setgħet tirriżulta bħala waħda gravi. L-appellant jilmenta ukoll illi ġaldarba il-vittma ma xehditx waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri peress li kienet ġiet nieqsa fil-mori tal-kumpilazzjoni, allura iktar u iktar din il-prova ma saritx. Huwa jsostni li in vista tal-imsemmija diskrepanzi kellha tinstab il-ħtija għall-offiża volontarja ta' natura ħafifa fit-termini tal-artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali.

**17**. Illi l-Qorti għal darb'oħra eżaminat l-atti kemm tal-kumpilazzjoni, kif ukoll dawk li seħħew waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri sabiex tindirizza dan l-ilment. Illi fil-ġuri l-Kirurgu Mr Alexander Attard xehed li ma jiftakar xejn fuq il-każ, u allura ma seta' jixħet ebda dawl fuq il-klassifikazzjoni tal-ġrieħi subiti mill-vittma. Imbagħad mix-xhieda tal-Kirurgu tal-Ortopedija Mr Frederick Zammit Maempel u ta' Dr Jonathan Joslin jirriżulta li meta l-vittma ddaħlet l-isptar nhar l-20 ta' Lulju 2005 kellha, *inter alia, dislocation* tal-ispalla tal-lemin u li l-*Casualty Officer* faqqgħalha l-ispalla lura f'postha. L-Espert Dr Mario Scerri fir-rapport tiegħu wkoll ikkonstata li l-vittma kienet sofriet ħsara fl-ispalla l-leminija riżultat ta' liwja tad-driegħ u kkonkluda li *dislocation* tal-ispalla l-leminija hija meqjusa bħala ferita gravi *per durata*. Dr Jonathan Joslin, minkejja li ma xehedx fil-kapaċita' tiegħu bħala espert tal-qorti, in kontro-eżami sostna li jekk wara li l-ispalla tiġi mpoġġiha lura f'postha l-persuna tbati minn dak li jissejjaħ *fixation* jew *deformity,* jew ma tkunx tista' ittella' d-driegħ jew ikollha xi diżabilita', il-ħsara tiġi kklasifikata bħala ferita ta' natura gravi. Jekk il-persuna ma tbati xejn minn dawn il-konsegwenzi allura il-ferita tkun waħda ta' natura ħafifa. Il-vittma derubata fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati waqt il-

kumpilazzjoni, ċioe' seba' snin wara li sfat misruqa, xehdet li xi ħadd mill-malviventi kien dawrilha dirgħajha tal-lemin u baqgħet tbati l-konsegwenzi ta' din l-offiża:

> **Spettur Michael Mallia: Mela semmejtilna li xi hadd tghak daqqa ta' telephone u xi hadd dawwarlek drighek, ta' liem naha drieghek, tax-xellug jew tal-lemin?**
>
> **Benedetta Meilak: <u>Din ghadni inbati biha</u>.**
>
> **Spettur Michael Mallia: Tal-lemin, ha nirrepeti jien ghax inkella**
>
> **Maġistrat: Tal-lemin.**
>
> **Spettur Michael Mallia: Tal-lemin**.[4]

Illi għalhekk hemm konferma fix-xiehda tal-vittma illi snin wara li seħħet l-agressjoni fuq il-persuna tagħha hija kienet għadha qed issofri mill-effetti tal-ħsara minnha subita minn taħt idejn il-malviventi sabiex b'hekk l-argument tal-appellant ma jistax ireġi.

**18.** Illi *di piu'* minkejja li l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu jiffoka fuq il-kwistjoni dwar jekk id-*dislocation* tal-ispalla l-leminija tal-vittma derubata tammontax għal ferita gravi o meno, jinsa isemmi illi kien hemm ġrieħi oħra li ġew rapportati li ukoll setgħu jkunu klassifikati bħala ta' natura gravi. Illi dan qed jingħad in vista tax-xhieda tal-Kirurgu tal-Ortopedija Mr Frederick Zammit Maempel fejn huwa xehed li meta l-vittma ddaħlet l-isptar rriżulta wkoll li kellha *ligament injury* fl-irkoppa tal-lemin. Konsegwenza ta' dan, il-vittma kellha tilbes *splint* għal perjodu ta' sitt ġimgħat. Illi Meilaq tikkonferma dan ukoll fix-xiehda tagħha meta tgħid illi għamlet madwar tlett xhur b'saqajha mgħawwġa. Dan apparti il-ferita cikatriċi li sofriet fuq moħħha meta wieħed mill-malviventi taha daqqa bit-telefon fuq rasha. Dan ċertament jammonta għall-ferita gravi fit-termini tal-artikolu 216(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, apparti dik indikata mill-Qorti Kriminali u ċioe' l-ferita taħt is-sub-inċiż (1)(a) tal-imsemmija disposizzjoni tal-liġi. Illi għalhekk dan l-aggravju ukoll qed jiġi miċħud.

---

[4] Fol. 68 u 69 tal-atti tal-kumpilazzjoni.

**19**. Finalment, permezz tat-tielet u l-aħħar aggravju minnu ntentat, l-appellant jilmenta illi l-piena erogata mill-Qorti Kriminali timmerita reviżjoni u dan tenut kont ta' dak li jemerġi mill-ewwel żewġ aggravji imressqa minnu, kif ukoll għal mod kif ġiet kondotta l-Inkjesta Maġisterjali u finalment fid-dawl tal-fatt illi huwa kien għadu ta' eta' minorenni meta seħħ l-akkadut. L-appellant jikkontendi wkoll li ħass ruħu aggravat meta l-Qorti Kriminali kkunsidrat il-fedina penali tiegħu meta ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena u dan meta, sal-jum indikat fl-akkuża, il-fedina penali tiegħu kienet għadha kważi netta, bl-uniku kundanna tkun dik dwar il-pussess kontra il-liġi ta' arma li taqta' u bil-ponta fejn kien ikkundanat għal piena ta' multa.

**20**. Illi f`materja ta' piena l-prinċipju regolatur huwa li mhijiex in-norma li l-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inflitta.

**21**. Illi jibda biex jingħad illi l-piena erogata mill-Qorti Kriminali ta' seba' snin u nofs priġunerija taqa' fil-parametri tal-liġi, u tqarreb aktar lejn il-minimu maħsub għar-reati li dwarhom l-appellant instab ħati, milli lejn il-massimu. Illi inoltre, meta ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena, l-Qorti Kriminali ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-appellant kien għadu minorenni fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat u applikat id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 37 tal-Kodiċi Kriminali, kif indikat fil-parti deċiżorja. Mhux biss iżda ħadet in konsiderazzjoni ukoll it-trapass taż-żmien minn meta seħħ ir-reat. Issa, għalkemm huwa minnu li l-appellant kellu fedina penali kważi netta fiż-żmien meta kien kommess ir-reat, madanakollu l-Qorti Kriminali meta ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-appellant għandu karattru refrattarju billi kien hemm evidenza mill-imsemmija fedina penali illi l-appellant tul is-snin baqa' igħix ħajja kriminoġenika.

**22**. Illi huwa minnu li, fil-jum meta seħħ ir-reat mertu ta' dawn il-proċeduri, l-appellant ma kellux anteċedenti penali għajr għal infrazzjoni tal-liġi waħda fejn huwa kien ikkundannat għal piena tal-multa. Madanakollu, meta dan il-fattur ikun abbinat mal-mitigazzjoni mitluba dwar it-trapass taż-żmien minn meta jkun seħħ ir-reat,

eżami tal-fedina penali tal-ħati issir neċessarja sabiex ikun stabbilit jekk huwa jkunx intitolat għal xi skont ulterjuri minħabba dan il-mottiv. Kien deċiż:

> **"It-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."**

**23.** Illi minn eżami tal-fedina penali piuttost voluminuża tal-appellant huwa evidenti illi tul is-snin huwa ma għarafx joħroġ mit-triq tal-kriminalita, iżda baqa' jippersisti f'din il-ħajja għalkemm ingħata diversi opportunitajiet mill-qrati biex jirriforma ħajtu. Kwindi l-Qorti Kriminali sewwa għamlet li kkunsidrat l-karattru refrattarju tal-appellant meta ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet l-oħra li setgħu servew ta' attenwanti. Meta imqiegħda fuq il-bilanċ tal-ġustizzja kwindi il-karattru refrattarju tal-appellant jeradika id-dritt tiegħu għal xi attenwanti minħabba it-trapass taż-żmien u fatturi oħra li huwa jindika li kellhom jintitolawh għal xi skont, fosthom għal kritika diretta lejn il-mod kif tmexxiet l-inkjesta maġisterjali, ilment li *del resto*, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma kellu iservi ta' ebda attenwanti. Għalhekk għal dawn il-motivi dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**